# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li gharaf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*


ROYAL UNIVERSITY LIBRARY MALTA


**98.** **16 ta' LULJU 1910.** **IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu colliha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# IL PROGRAMMA

Jidhirli li f'il gazzetti s'issa deħru ġlied u tgħajjir b'iż-żejjed, u cullħadd serraħ għommtu m'il aħjar li sata. Issa ŭara dana il ħafna burraxc kalil li kankal il gżira collha ta' taħt fuk, bi ħsara cbira għalina, hemm bżonn li tfeġġ ix-xemx u nistgħallu ftit ta'l bnazzi ħalli naraŭ liema hi it-triek it-tajjba li għandna bżonn nakbdu ħalli naslu b'is-sliema f'il port ta'l fidŭa tant minn'na mixtieka. *Post nubila, Phoebus* (ŭara is-sħab, ix-Xemx.)

Il *«Gazzetta di Malta»* u l-egħdeŭŭa ta's-Sur Cicc telgħu l-eŭŭel gebla biex ġarrfu il politica u il fehmiet tiegħu għaliex dehrilhom, u forsi ħafna b'ir-raġun, li ma chienx miexi b'iż-żejjed tajjeb biex ijŭassalna f'dac il gid li ilna ħafna nixtieku li naslu fih. U għalhecc ġa la darba il politica ta's-Sur Cicc u Sħabu ma għoġbithomx għandhom huma joħolku programm suret-in-nies biex nimxu fuku u biex bih nakilgħu dac li ma klajniex b'il programm ta's-Sur Cicc u Sħabu. Billi ġarrafna għad ma sar l-ebda gid, u jġarraf jaf cullħadd; issa, jecc tasseŭ inħobbu il pajjis u irridu il veru gid tiegħu hemm bżonn li nibdgħu nibnu xi ħaġa seŭŭa.

It-taħŭid li sar, pacenzja, jgħaddi u jitŭitta; iżda fuk dana il ħrieb hemm bżonn li nibnu il palazz li fih ġurnata għandna nistchennu liberi u setgħana, mifdija m'il jasar kalil li ilna fuk mitt sena nitkagħŭxu fih.

U biex nibda jien l-eŭŭel ŭieħed it-triek, b'il fehma ċchejcna tiegħi, jidhirli li KABEL MA IL CUNSILIERI JITILKU ĦEMM BŻONN LI JSIR MEETING CBIR ĦALLI JARAŬ IL FEHMA TA'L POPLU X'INHI SEŬŬA. Billi xi ftit intelligenti jaħsbuha bħa's-Sur Cicc u xi ftit oħra jaħsbuha bħal l-egħdeŭŭa politici tiegħu ma hux b'iż-żejjed biex uieħed jieħu pass hecc serju għal gid jeŭ deni cbar ta'l pajjis. Daŭna il ftit ma humiex il maġġjuranza ta' daŭc l-eletturi li bagħtu il Cunsilieri hemm fuk u għalhecc ma għandhomx id-dritt li jgħidulhom x'għandhom jagħmlu u għandhomx jokogħdu marbuta jeŭ le ma'l programma.

L-ankas l-istampa ma hi b'iż-żejjed, għaliex l-istampa jista jcollha ir-raġunijiet tagħha li ma jcunux dejjem jakblu ma'l gid veru ta'l eletturi.

Mela l-eŭŭel ħaġa li għandha issir hu MEETING CBIR BARRA IL BOMBI, biex ŭieħed ijfihem lil l-eletturi seŭŭa fuk is-sitŭazzjoni ħalli jaraŭ x'inhi il fehma tagħhom, u fuk il fehma ta' daŭna jimxu. Jecc ijriduhom jokogħdu għal ŭiegħda ta'l programm tagħhom, il Cunsileri hemm bżonn li biex joħorġu ta' irgiel, f'Ottubru li ġejj jitilku. Jecc il poplu jidħirlu li ma hemmx triek aħjar għal gid tiegħu m'il politica nejja ta's-Sur Cicc u Sħabu u jaraŭ li ma jistax jinħolok programm aħjar, allura il Cunsilieri għal fejn jitilku, biex ijneffku il Caxxa mifsuda ħafna flus u biex jagħmlu il cummiedja ta'd-daħk li jinżlu u jarġgħu jitilgħu bl-istess programma?

U lankas ma għandhom ijħallu il fehma ta'l poplu f'il genb fi qŭestjoni hecc importanti u li jisserveŭ bih u jagħmlu il *meetings* meta jaslu l-elezzionijiet biss biex jiximcu il voti ħalli jitilgħu jpappu il-liri fuk is-sedja ta'l bellus. Jecc il poplu jifhem, bħal ma jifhem fi żmien l-elezzjonijiet, għandu jibka jifhem dejjem u għalhecc issa ucoll; u il fehma tiegħu ma għandhiex tigi scartata. Jecc illum ijgibu l-iscuża li dina ma hix qŭestjoni ta' snien il poplu, mela għala meta jcollhom bżonnu jittallbu il fehma tiegħu? Il poplu għandu jati il parir tiegħu għaliex dina hi ħaġa li tmiss lilu u li tokroslu l-interessi tiegħu u għalhecc ma hux b'iż-żejjed li dina l-affari jiddeciduha l-intelligenti u il puliti biss għaliex daŭna ŭieħidhom ma humiex il poplu collu u lankas l-eletturi collha, daŭc igifieri li tellgħu il Cunsilieri hemm fuk u li għalhecc għandhom id-dritt collu li jindaħlu chif għand-

hom ijgibu rüiehhom il Cunsilieri u jecc għandhomx jitilku jeü le.

Mela kabel üieħed jakbeż għal rasu aħjar jara x'inhi il fehma ta'l eletturi collha ħalli inkisu mitt darba kabel naktgħu darba u b'hecc meta incunu ktajniha incunu ħadna dana il pass difficili fuk il fehma u ir-responsabbiltà ta'l eletturi collha igifieri ta'l poplu u m'hux ta' daüc il ftit li jippretendu li jirrappresentaü il fehma tiegħu vera.

Mela f'loc il ġlied u il polemichi aħjar il ftehim u il għalenija; u kabel naktgħu minn rasna qüestjoni hecc importanti aħjar naraü x'inhi il fehma vera ta'l poplu.

Sur Cicc, indur fukec bħala Cap ta'l Poplu u ingħidlec:— « Kabel takta minn żniedec ara x'ijrid minnec tasseü il poplu u il cotra ta'l eletturi u m'hux tokgħod fuk il feħma ta'l ftit għad li intelligenti. Isma il fehma ta' min tellgħec hemm fuk u üara iddecidi m'il aħjar li tista; u il poplu fittxu dejjem u m'hux fl-elezzjonijiet biss ħalli issibu dejjem marbut b'kalbu miegħec. Tagħmlu dan jeü tatih b'is-siek u tagħmilha ta' rasec bħa's-soltu?» Nixtiekec tagħmlu.

# FRAC.

IT-TAXXI—Fl-«Avvenire» dehret corrispondenza ta' F. M. fejn kal ll hemm bżonn li it-taxxi chif inhuma issa jisseüdeü u li tibda issir taxxa imkar żgħira fuk il ħüejjeġ li jużaü is-sinjuri bħal ma huma l-aütomobili, il-carrożżi, il velocipiedi, il fided, il ħaririjiet u ħüejjeġ oħra ta' lussu bħal daün. Kal ucoll li hemm bżonn li jinħalku taxxi fuk il bini u fuk is-salarji actar minn ħamsin lira bħal ma hemm f'pajjisi oħra. Jiena jidhirli li jecc tasseü għal gid ta'l fkir hemm bżonn li jinħalku taxxi fuk is-sinjur ħalli jsiru, iżda kabel hemm bżonn li issir Cummissjoni biex tara jecc il pajjis jistax jagħmel economiji jeü le. Dana il principju ġdid tat-taxxi hemm bżonn li jcun accettat m'il poplu f'meeting pubblica, għaliex il Cunsilieri li hemm ma għandhom l-ebda facoltà li jaccettaü taxxi ġa la darba f'il programm tagħhom üiegħdu li ma għandhomx jaccettaühom. Il poplu biss għandu jara jecc hemmx tasseü il bżonn li jinħolku taxxi jeü le, u il Cunsilieri li hemm ma għandhom l-ebda dritt li jabużaü, allavolja b'ir-raġun, m'il mandat li tahom. Lankas ma għandhom dritt il Cunsilieri li hemm li jibkgħu hemm fuk allavolja jaraü li hemm bżonn li jagħmluh. Hemm bżonn kabel li jaraü x'inhi il fehma ta'l poplu fuk dina ill ħaġa imkar f'meeting generali jecc ma jridux ijneħku lill Caxxa in-nefka ta' elezzjoni ġdida. Iżda li jibkgħu hemm fuk minn jeddhom ma jidhirlix li hu seüüa u jcunu kiegħdin jonksu m'il üiegħda tagħhom allavolja jecc għal gid. Mela is-Sur F. M. għandu jifhem li tant jec hemm il bżonn li jsiru it-taxxi fuk is-sinjuri chemm ucoll jecc il Cunsilieri għandhom bżonn jibkgħu hemm fuk jinħtieġ assolutament, biex ijcunu ħarġu ta' rgiel, li kabel jieħdu xi pass jaraü x'inhi il vera fehma ta' dac il poplu li bagħathom hemm fuk biex jiddefendulu l-interessi tiegħu u li għalhecc għandu jara hu liema huma.

★

IT-TABIB INGLOTT—Billi dana irtira m'is-servizz cullħadd għela għaliħ u faħħruh ħafna gazzetti. L-«Avvenire» kal:—« Siamo certi che la popolazione del Distretto e specie le classi povere ne saranno inconsolabili. Il Dottor Inglott alla vasta dottrina e speciale esperienza, accoppia un cuore d'oro e maniere affabilissime, di guisa che è l'idolo non solo della Cospicua ma delle Tre Città' e dei casali circonvicini, pove la sua opera benefattrice si è sempre estesa, e di quanti lo conoscono davvicino. E' di più un patriota sincero. Egli ha reso speciali servigi al Governo e al publico in varie occasioni e speriamo che l'Autorità non mancherà di riconoscerglielo.»

★

Il «Malta Herald» chiteb:— « Dr: G. F. Inglott is about to retire. The public in general and, I dare say, his colleagues as well, will feel sorry to hear the news, yet we heartily wish him a well merited rest, and many years to enjoy it. In 1871 Dr: Inglott acted as Locum Tenens for Dr: Manchè at the Central Hospital, for which the Government through the C.C.I. in a letter (No. 323) of thanks to Dr: Inglott, highly appreciated his services. In the same year Dr: Inglott acted as Superintendent of the Poor House and Physician to the Female Prison. In 1873 was appointed D.M.O. and Visiting Physician to the Corradino Prison. In 1887 was given the charge of Cottonera Cholera Hospital. In 1890 transferred D.M.O. to Cospicua. Besides these and numerous other valuable services, Dr: Inglott during the South African War, served as Military Surgeon with the R.A.M.C. at Cottonera Military Hospital, for which Surgeon General Thomas O'Ferral M.D. in a letter highly praised his zeal, energy and professional abilities. But what some people and probably the Government as well, not know, is, his readiness to assist his colleagues when required and his genuine sympathy and true kindness to the poor. He was always very ready and patient to assist them in their sickness, even the most destitute and the most exacting. I (Dr: J. Ellul) know of cases, and by no means few, where not only his skill did good work, but his substantial aid, helped to add to the poor patients' comfort. When I was acting D.M.O. for Cospicua during his absence I was greatly edified at the respect, nay *love* that the poor nourish for Dr: Inglott. Every day, I was met by the same questions and heard the same ejaculations:— «Is Gianfelic 'ill? Will he not come back again?» and «kind soul», «God reward him» and such like. Il «Gazzetta di Malta» giebet articolu sabiħ ħafna biex tfaħħru iżda billi hu tuil üisk ma gibtux. Ir-«Risorgimento» faħħru ucoll.

Minn daüna il ħafna articoli ta' tifħir aħna naraü li da't-tabib hu miġjub üisk għal ħila u għal ħniena cbar tiegħu, u għalhecc it-Tliet Ibliet huma marbutin b'kalbhom miegħu u b'ir-raġun.

★

IS-SUR CICC AZZOPARDI fl-«Avvenire,» numru 16, kal erba chelmiet ta' galantom li jecc jimxi fukhom ijcun ħareġ ta' ragel ħafna, u għalhecc sejjer ingibhom biex jibka jiftacar fihom. Daün huma:—Il Signor Azzopardi e la maggioranza dei suoi colleghi Elettivi, già dichiararono la loro intenzione di dimettersi il 14 ottobre prossimo. Essi non hanno alcun interesse personale di rimanere in Consiglio, anzi ne sono così stufi che non vedono l'ora di poterne uscire. Il primo ha già dichiarato che non intende ripresentarsi alla nuova elezione, per le ragioni già da lui più volte esposte, ed è da credere che i suoi colleghi si accorgeranno che è l'unica via che in omaggio alla propria dignità e alla logica del significato che si vuol dare al loro programma, essi devono battere.» Jiena incun minn ta' l-eüüel li jiddispiacini ħafna jecc is-Sur Cicc jirtira għal collox m'il politica, għaliex illum għandu pratca cbira billi ilu ħafna jieħu interess f'il politica tagħna u ma' dana hu imżejjen ucoll b'intelligenza cbira, tant li ġa għidtu, ma insibux chif gieb u laħak min jimla il vojt tiegħu, iżda hu għandu jifhem ucoll li f'id-dinja ħadd ma hu assolutament necessarju u li ma għandux għax jisüa jfittex li jgħaddi biss il fehma tiegħu imkar meta tcun ħażina. Il programmi għandhom ijcunu irrispettati u il poplu biss għandu id-dritt li jħoll lill Cunsilieri m'ill üiegħdiet tagħhom.

IT-TABIB P. P. AGIUS—Ghad li xi ħadd għajjru li jicteb bl-ostrogot iżda bosta drabi dac li jicteb hu fih ħafna sugu. Hu chien li kankal il lotta favur il ħalib ta'l mogħża u hu kankal lil Dr: Hadwen biex dana il gharef tabib ùakka issa għal collox it-teorija ta'd-deni m'il ħalib ta'l mogħża b'dac il mod disastrus li cullħadd jaf. Hu chien li f'il cas ta' Vella sostna teorija ġdida li ùara giet icconfermata f'il Germanja u f'pajjisi oħra. Hu chien li kankal l-affari ta' Xcora biex ùera x'ħila għandhom l-allat ta'l Olimpu ta'l Medicina tagħna. Issa hu chien ucoll li chiteb lil «Lancet» biex ùera li il ħasil tad-drenaġġ bl-ilma mela ħ hu ħażin ħafna. Mela is-Sur Cicc Azzopardi jimmeritah minn ijcanfru talli żeblaħ, biex jagħmilha ta'l ispiritus, lil dana it-tabib li hu imżejjen b'ħila cbira u li għamel ħafna gid lill pajjisu. L-articoli tiegħu, għad li mictuba bl-ostrogot, geù chemm il darba citati f'il «Contemporary Review» u fl-«Abolitionist», f'il ħin li minn ta's-Sur Cicc ma humiex sejjrin jidħru fl-Ingħilterra ħiief il ħafna personalità li bihom kiegħed jimla il gazzetta tiegħu. Jecc is-Sur Cicc ijrid ijfittex il veru gid ta'l poplu jagħmlu tasseù f'loc li jokgħod ijfittex li jicteb eleganti b'it-taljan, għaliex għalina hi ùisk aħjar il chitba pulita u onestà allavolja tcun mictuba bl-ostrogot chif kal hu.

★

L-ILTIMA TA' TUNES.—Dana hu l-isem ta'l mitt ctieb sabiħ li ħareġ is-Sur Fons Galea f'il ġabra tant interessanti tiegħu ta'l Mogħdija ta'z-Żmien. Daùna il cotba għamlu gid ùisk lill pajjis billi taù lill poplu ħafna kari tajjeb u b'ir-rħis. Nitma li dana is-sinjur ta' kalb tajjba ijcun incoraġġit ħalli jgħaddi b'il curaġġ collu għa't-tieni mija.

★

IL ĠURAMENT li jieħu is-Sultan ta'l Inghilterra meta jitla it-tron tbiddel chif chien jixtieku cullħadd; u għalhecc tneħħeù minnu daùc il ħafna insulti coroħ li chien hemm contra it-tùemmin tagħna. B'dina il biċċa sabiħa li biha sejjer jibda is-saltna tiegħu ir-Re Ġorġ cullħadd feraħ għaliex turina li jrid jibda jagħmel ħakk ma' cullħadd.

★

XI ĦAMSIN AMMIRALL u fuk il mitt general talbu li tinħareġ somma cbira ta' flus biex jinbneù ħafna frejgati ġodda u biex ijsaħħu l-armata billi kalu li l-Ingħilterra ma hix imħejjija chif ijmissha biex tcun tista tħares chif ijmiss il cobor ta'l Imperu Ingliż. Jalla dana ix-xogħol ijsir u jalla ijmissna minnu xi lokma ucoll.

★

IL ĠVERN ħareġ notificazzjoni biex ijgħarraf li f'is-siġar ta'l larinġ u ta'l-lumi dehret duda irkieka li jsejjħulha coċċinilja u li jecc tixxerred tagħmel ħsara cbira ùisk f'daùna is-siġar. Għalhecc javża biex cull min għandu minn daùn is-siġar ijfittixha ħalli jgħarraf lil Ispettur ta l-Agricoltura f'il Ġnien Argotti biex dana jgħarrfu x'għandu jagħmel biex jekridha u ma jħallihiex tixxerred. Mela ifthu ftit għajnejcom.

★

IL CUNSILL POPOLARI żamm, ħ gimgħa l-oħra, is-seduta tiegħu u li fiha ma sarux daùc il ħafna għarucasijiet ta's-seduta ta' kabel. Il Cunsilieri geù gżati li chisru il ùiegħda tagħhom u li ma kdeùx dmirhom b'iż-żejjed f'il Cunsill, u fuk dana tchellmu is-Sur German, is-Sur Mizzi u is-Sur Muscat Azzopardi, iżda is-Sur Cicc Azzopardi u l-Avucat Mercieca iddefendeù irùieħhom tajjeb ħafna tant li kalgħu xi applaùsi. Jiena jidhirli li issa iġġieldu b'iż-żejjed u li l-aħjar li jagħmlu hu li jingħakdu għalenija biex jaraù x'sejjer ijsir f'Ottubru li gejj.

★

IL CNISJA TA'L IMGHIERET iżżanżnet da'l ġranet billi mar kaddes fiha l-Iskof. Dina il cnisja kamet ma's-sitt elef lira, u dana juri b'iċ-ċar li il Gvern meta jrid ijberbak il flus ta'l Caxxa tagħna jaf chif jagħmlu b'iż-żejjed.

★

IS-SURMAST ĠANNFELIC BUĦAGIAR ta' Bormla, ftit ġranet ilu, ta cuncert sabiħ ħafna f'is-sala ta'l Banda S. Giorgio u li bih ùera il ħila cbira li għandu m'ħux biss f'il musica iżda biex ijgħallimha. L-isculari tiegħu kalgħu ħafna applaùsi mi'l pubblicu intelligenti li chien hemm, u dana juri li min jafda f'idejn dana is-surmast capaci l-uliedu għa't-tagħlim ma jibdilux. Jiena nifraħlu b'il kalb għaliex naf li hu ta' ħila tasseù.

★

IS-SEGRETARJU MEREWETHER ma jigix actar Malta għaliex laħak Gvernatur ta'l Costa ta'd-Deħeb. Għandna tasseù għalfejn nifirħu għaliex ħlisna minn għadu kalil tagħna m'il cbar.

★

IR-RISORGIMENTO ta's-7 ta' Lulju li għadda gieb daùn il chelmiet li għalihom nirringrazzjaùh. «Ci duole assai sentire che il giornale «Is-Salib» vada criticando la Signora Lucia Levanzin che sta pubblicando degli scritti intorno a soggetti inportantissimi da un punto di vista igienico, sociale, economico ecc, coi quali ella sta rendendo un grande servigio al paese. Voglia il cielo che le giovinette maltesi specialmente facciamo buon viso ai suoi consigli. Degli scritti tanto utili della Signora Levanzin diremo in appresso ed a lungo.»

★

IL ĦAMRUN, fejn il Palazz ta' Ljuni, xi ħalleln ùakkfu xi gabillotti li chienu nieżlin m'il bejgħa u ħadulhom il flus li chellhom fukhom; u il Belt, f'il cantuniera bejn Strada Forni u Strada Santa Lucia sparaù fuk ùieħed tliet tiri ta' revolver bla ma laktuh. Daùna il ħafna delitti taħt ħalk il Pulizija kiegħdin ijchexxu lil cullħadd u għalecc hemm bżonn li jaraù il mard mnejn hu gejj biex ijseùùuh m'il actar fis għaliex jecc nibkgħu sejjrin hecc sejjrin naslu bħal Corsica.

★

Il Canoncu Teologu ta' Għaùdex Mons: Luigi Vella hu chittieb ħabriechi ħafna b'il malti u s'issa ħareġ ruxxmata cotba li jinħatfu għal ġmiel tagħhom. Fosthom irrid insemmi iż-żeùġ romanzi tant sbiħ mibnija fuk l-istorja ta' Għaùdex u li intgħoġbu chif chien ħakkhom u li jiena krajthom bi piacir cbir. Barra minn daùn chiteb ucoll ħafna cotba sagri li imxeù ùisk billi huma interessanti tasseù. Joħroġ ucoll kari malti ta' cull xahar imsejjaħ L-EÙCARISTIA u li cull min ijħobb il Gesù Sagramentat għandu jissieħeb fih. Da'l ġranet deher tiegħu ucoll ctieb ieħor IR-RUĦ NISRANIJA KUDDIEM GESU' SAGRAMENTAT li hu interessanti bla tarf u li għandhom jixtruh daùc collha li jħobbu jakraù cotba ta'd-devozjoni sbiħ b'il malti. Il Belt jimbieħ għand Għejtu Azzopardi ta' Strada Teatro jeù ùieħed jista jicteb lil l-aùtur stess. Il Canoncu Vella ħakku cull tifħir talli jħabrec dan collu biex b'il chitba ta' fejda tiegħu jagħmel tant gid lill erùieħ u l-actar biex jixgħel il klub b'il kima lejn il kalb imkaddsa ta' Gesù Sagramentat. Jiena nirringrazzjah b'il kalb ta'l copja li għoġbu jibgħatli.

# Għomja Famusi.

### A. W. Ranger. M.A., D.C.L.

Dana tilef id-daŭl ta' għajnejh meta chien għad għandu xi ħmix-tax il sena. Ŭara li studja f'il Culleġġ ta'l *Higher Education of the Blind* ta' Worcester, fl-Inghilterra, daħal f'il Worcester College ta' Oxford fejn ħa il-laŭrja b'il *First Class Honours*, u irnexxa *Proxime Accessit* (ta' ŭara l-eŭŭel) għal li *Scholarship* (flus li jintgħataŭ biex tcompli tistudja) ta'l Vinerian Law. Dana sar Procuratur Legali u daħal f'id-Ditta famusa ta' *Messrs Ranger, Burton and Frost, Solicitors*, u huma is-*Solicitors* ta'l British and Foreign Blind Association li ġa semmejna, u li tagħha hemm Patruni is-Sultan u ir-Regina ta'l Inghilterra stess. Bħala Vici-Presidenti dina is-Soċjetà fiha l-Archibishop of Canterbury, id-Duke of Argyll, il Marquess of Salisbury, il Marquess of Londonderry, K.G, l-Earl of Lichfield, il Bishop of Lichfield, il Bishop of Jamaica, l-Archibishop of the West Indies, il Bishop of Derry and Raphae, il Bishop of Limerick, ir-Right Hon: Sidney Buxton, M. P. Postmaster General, Lord Northcliffe u xi nies cbar oħra.

### H. M. Taylor. M.A., F.R.S.

Fellow ta't-Trinity College ta' Cambridge hu ŭieħed m'ix-xjenzjati l-actar magħrufa fl-Inghilterra. Dana għema ma ilux u issa kiegħed jaħdem ħafna biex jicteb cotba ta'x-xjenxa b'is-Sistema Braille għal għomja bħalu. L-ittri F.R.S. ŭara ismu jfissru li hu membru ta'r-*Royal Society* ta' Londra, titolu li jieħduh biss daŭc in-nies famusi li juru xi ħila cbira f'ix-xjenza. Dana, midlun f'id-dlam,

> « *O dark, dark, dark, amid the blaze of noon*
> « *Irrecoverably dark, total eclipse,*
> « *Without all hope of day* » (Milton.)

f'loc li kagħad jitnicchet għaliex bħal ma kalet l-Iscrittura fl-Ecclesiasticu (XI, 7). «*Hi ħaġa sabiħa ħafna għal għajnejn li jaraŭ ix-xemx.*» rafa is-salib li għoġbu bih ijżuru Alla b'il ferħa u għamel bħal daŭc il għomja ta' kalb cbira li jsemmi il cbir għama Milton: —

> « *They argue not*
> « *Against Heaven's hand or will, nor bate a jot*
> « *Of heart or hope: but still bear up and steer*
> « *Right onward . . . content thought blind.*»

u kiegħed b'ħiltu collha jaħdem biex ijgħin u jgħallem lil daŭc iż-żeŭġ miljuni għomja oħra bħalu li haŭn f'id-dinja u li minnhom krib il miljun jinsabu f'ir-Russja, 34,000 f'il Gran Brittanja u xi sitt mitt elf fl-Indja.

### Capt. E. B. B. Towse. V.C.

Dana għema fl-aħħar gŭerra ta't-Transvaal, f'it-takbida ta' Mount Thaba, billi il balal ta'l Boeri laktuh f'għajnejh. Għal ħila cbira li ŭera f'dic il gŭerra ħarxa is-Sultan Edŭardu, meta gie l-Inghilterra, ried jarah u lakgħu tajjeb ħafna u taħ il «*Victoria Cross.*» Dana issa ta' ruħu biex ijgħin chemm jiflaħ il *British and Foreign Blind Association* ħalli chemm tista tagħmel gid lil għomja oħra bħalu. Fost il gid cbir l-ieħor li kiegħda tagħmel dina is-soċjetà hu li kiegħda tistampa ħafna cotba sbiħ b'is-Sistema Braille m'hux biss iżda ħafna musica ucoll billi dina tista tistampa ruħha b'il Braille ucoll. Fost il cotba l-oħra stampat il Bibbja f'disgħa u tlietin volum u li il pjanci tagħha irregalahom Dr: Armitage lill *Bible Society* biex il għomja ucoll ijcunu jistgħu jakraŭ għal gid ta' ruħhom dana il ctieb għażiż. Barra minn dan is-Soċjetà toħroġ ucoll xi gazzetti b'il Braille għa't-tagħlim ta'l għomja u ħolkot macni saħansitra ta'l Istenografija biex il għomja jcunu jistgħu jictbu bihom bħal min jara, ħaġa li bosta minnhom jirnexxu fiha ħafna billi jŭasslu il ħeffa ta' minn 80 sa 140 chelma cull minuta. (*Jissocta.*)

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

MELA IL MARA JINĦTIEĠ LI TIEĦU ĦSIEB SAĦĦITHA U TCUN TIFLAĦ DAKS IR-RAGEL GĦALIEX IX-XOGĦOL TAGĦHA JRID ACTAR FORZA U ACTAR SAĦĦA MINN TIEGĦU BIEX TAKDI DMIRHA SEŬŬA. Ħarsu ftit lejn in-nisa ta'l campanja u taraŭ chif il biċċa il cbira minnhom huma ŭisk actar b'saħħithom minn ta'l Belt. Għala dana? Sgur m'hux għax jonfku flus actar fl-ichel iżda għaliex in-nisa ta'l campanja, bla ma jafu, jdaħħlu f'demmhom actar ossigenu, billi jgħixu m'hux imtappnin ŭara il ħgieġ u f'il foga ta' ħafna nifsijiet iżda fl-arja safja li ħalak Alla il ħanin għalina, għaliex ijmiddu għonkhom għa'x-xogħol ta'l għelieki li jati ŭisk actar saħħa m'ir-raccmu u id-dakk ta'l pjanu, għaliex jorkdu cmieni u jkumu cmieni u għaliex ma jgħabbux l-istoncu b'ħafna imbarazz li jgħarrak is-saħħa bħal ma jiġri fost in-nies ta'l Ibliet u b'ħafna ichel iffalsificat minn nies ta'l ħŭienet, iżda jieclu il ħxejjex, il frottijiet u daŭc il ħŭejjeġ li tatihom in-Natura bla tbagħbis ta' xejn. Daŭna jitrabbeŭ ucoll ijgħumu il gurnata chemm hi tŭila f'ix-xemx u ix-xemx gid tagħmel għaliex toktol cull microbu ta'l mard u issaħħaħ il gisem f'il ħin li aħna l-uliedna inrabbuhom imdellelin ŭisk u jibżgħu iż-żejjed m'ix-xemx jeŭ m'il bart- -żeŭġ ħbieb għeżież ta's-saħħa ta'l bniedem. Il mixi li jimxu fl-arja jfisser ħafna għal saħħithom f'il ħin li ħaŭn bosta fl-ibliet li jgħaddu il gmiegħi li ma jagħmlux erba passi għal saħħithom u li imkar m'il Belt, jecc ijcollhom ijmorru sa'l Ħamrun jircbu it-tram jeŭ il ferrovija. Dan hu ħażin ŭisk għa's-saħħa għaliex IL MIXI FL-ARJA HI ŬAĦDA M'IL ĦŬEJJEĠ LI L-ACTAR GĦANDCOM TFITTXU GĦAL SAĦĦITCOM, Il mixi tiffrancaŭħ flus u tcattruh saħħa.

L-aħjar nies li studjaŭ is-saħħa ta' ħafna irgiel u nisa, bħal ma huma Lieut: Muller, Dowd, Sandow u oħrajn, ijgħidulna li il mara tista u għandha tcun mibnija sħiħ bħa'r-ragel u li dana tista tagħmlu, bla nefka ta' flus u bla tbatija, jecc tkum biss nofs siegħa kabel m'il għass ta's-sodda biex tagħmel ftit ginnastica għal saħħitha bla ma jcollha bżonn tmur tagħżak jeŭ taħrat il għalka. Il mara ma hi xejn ankas m'ir-ragel, hi biss ħaġa differenti minnu għaliex maħluka għal xogħol differenti: macna ta'l ħjata tista tcun b'saħħitha u taħdem tajjeb bla ma tithassar daks *typewriter* (macna ta'l ctitba), għad li ŭaħda hi maħluka biex tagħmel xogħol ŭisk differenti minn dac li tagħmel il macna l-oħra. Dana kalitu ucoll, ma ilhux, Lady Grove, f'il «*The Human Woman*» ŭieħed m'il isbaħ cotba li inchitbu dan l-aħħar meta kalet: — «*Almost from the cradle an* ARTIFICIAL *distinction between the sexes is established and fostered. Self-reliance and self-control is encouraged in the boy and discoutenanced in the girl. It is to be wondered at, therefore, that many people 'run away' with the idea that woman is man's physical and moral inferior?* » Mela neħħu minn ġo moħħcom il fehma ħażina li aħna in-nisa għandna incunu f'is-saħħa jeŭ fi ħŭejjeġ oħra ankas m'ir-ragel, le, aħna għandna id-dritt li tatna in-Natura li nisviluppaŭ saħħitna u l-intelligenza tagħna bħalhom, biss għal xogħol differenti minn tagħhom; u ħażin għalina u għal uliedna jecc ma nagħmluhx u nibkgħu stallati fejn aħna bla ma nagħmlu cull ma nistgħu biex nimxu ftit actar il kuddiem fuk it-triek tas-saħħa u ta'l għerf.

(*Jissocta.*)

Lucija Levanzin Inglott.

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfahhar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'heffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullhadd hareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard ta'l hagra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l ŭied, ta'l clieŭi u mardijiet ohrajn, l-isbah li jaghmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u **jonfok ftit.**

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

## BRITANNIA

# L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx johroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida johroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il haġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' htieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu hlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li iokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji ohra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat hafna.

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' hġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, hŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabih ŭisk u hafna hŭejjeġ ohra bhal daŭn ta'l ahjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orhos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif tohorġu cuntenti sgur.

# INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li ghamlu dan l-ahhar billi sabu haġa li tiffranca m'hux biss xoghol u żmien iżda flus ucoll u tahbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaŭ ix-xoghol u l-gheric**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaŭ is-sapun ghaliex tahlu ftit**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma thallsux hassiela u ma tahlux hafna żmien**

## UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegh il Belt ghand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema ghand il «BRITANNIA» ta' Sda. it-Torri.**

Min hu marid bi-Anemija (ŭakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'għoxrin ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

# TA' S. VINCENS DE PAOLI



Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi hadd iehor u hargu jiftahru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u hafna ohrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjah is-seclu taghna il gharef Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu ghaliex il-lum ma haŭn hadd li ma hux mahsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

## NEVRASTENIJA

**li kieghda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Ghalhecc l-ahjar tobba kieghdin jithabtu biex ijsibu cura seŭŭa ghal dina il marda ghaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda hadd ma irnexxa daks il gharef u imfahhar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kieghed ijfejjak jeŭ jaghmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbighu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

**FLUS! FLUS! FLUS!**

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

**SNIEN! SNIEN! SNIEN!**

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




## C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.

**In-"Nahla' tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**